**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 207**
**It-Tnejn, 19 ta' Frar, 2024 fl-4:00 p.m.**

**ANZJANI LI ĠEW INTERDETTJATI MILL-FAMILJARI TAGĦHOM MINĦABBA MARD MENTALI**

**13973. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11047 u 11767, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva u lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza rispettivament, u jgħid kemm hawn anzjani li ġew interdettjati mill-familjari tagħhom minħabba mard mentali jew mard ieħor, sena b'sena, mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm-il persuna 'l fuq minn 60 sena ġew interdettjati mill-familjari tagħhom minħabba mard mentali jew mard ieħor hekk kif miġbura sal-aħħar ta' Jannar 2024.

Seduta 207
19/02/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KONSULENTI**

**13974. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom?

30/11/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - KONSULENTI**

**13975. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KONSULENTI**

**13976. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - KONSULENTI**

**13977. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - KONSULENTI**

**13978. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent hemm fil-Ministeru tiegħu u x'livell ta' edukazzjoni u esperjenza għandhom, speċjalment fil-qasam li l-Ministeru jirrappreżenta?

30/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ġew impjegati skont l-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 207
19/02/2024

**PROSTITUZZJONI U TLAJJAR – PIENA**

**14328. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12120 dwar prostituzzjoni u tlajjar fejn ingħad li 'l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din l-istatistika minħabba li dawn huma kawżi tad-distrett', jista' l-Ministru:

i. jiċċara għaliex l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din l-istatistika relatata ma' prostituzzjoni minħabba li dawn huma kawżi tad-distrett;
ii. liema huma l-kawżi li jaqgħu taħt "tad-distrett";
iii. dwar liema kawżi "tad-distrett" tinġabar l-istatistika;
iv. dwar liema kawżi "tad-distrett" l-istatistika ma tinġabarx; u
v. jekk hemmx il-ħsieb li din l-istatistika tibda tinġabar?

21/12/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat illi l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, fejn jidħlu kawżi tad-distrett, ma żżommx statistika relatata ma' prostituzzjoni biss, dan għaliex l-istatistika li tinżamm tinkludi kemm ġew preżentati kawżi u kemm minnhom ġew deċiżi mingħajr indikazzjoni tar-reati involuti.
Il-kawżi li jaqgħu taħt "tad-distrett" huma dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati. L-istatistika li qed tirreferi għaliha l-Onor. Interpellant ser tibda tinġabar kif is-sistema tal-Qorti tinqaleb għal fuq sistema diġitali ġdida.

Seduta 207
19/02/2024

**EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS - ASSESJAR**

**14329. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11223 u 11224, dwar kemm ġew riferuti tfal għall-educational psychologists minn kull kulleġġ tul is-sena 2023, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn it-tfal, tlesta l-assessment tagħhom sa Diċembru 2023, minn kull kulleġġ?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-2023 kien hemm total ta' 881 referrals u l-assessjar ta' dawn ir-referrals hu wieħed kontinwu.

Seduta 207
19/02/2024

**SKEJJEL - EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS**

**14330. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11225 fejn ingħad li ser jiżdied in-numru ta' psychology practitioners, jista' l-Ministru jgħid b'kemm ser jiżdiedu l-psychology practitioners, kemm minnhom ser ikollhom Masters fil-psikoloġija u sa meta ser jiġu ngaġġati?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li fl-aħħar sitt xhur is-Servizz Psikoloġiku għall-Iskejjel żdied b'ħames psychology practicioners. Infurmat ukoll li kollha għandhom Masters fil-psikoloġija.

Seduta 207
19/02/2024

**KULLEĠĠI – RATA TA' ASSENTEIŻMU**

**14331. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet ir-rata ta' assenteiżmu, f'kull kulleġġ, f'kull sena, fis-snin 2022 u 2023?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tinsab rigward ir-rata ta' assentiżmu tal-istudenti hawn taħt;

| Kulleġġ | Assentiżmu 2021/2022 | Assentiżmu 2022/2023 |
|---|---|---|
| Għawdex | 3.01% | 3.94% |
| Maria Reġina | 3.18% | 4.30% |
| San Benedittu | 2.52% | 3.82% |
| Santa Klara | 4.27% | 5.81% |
| San Ġorġ Preca | 5.88% | 6.87% |
| San Injazju | 2.17% | 3.83% |
| Santa Margerita | 3.49% | 5.85% |
| San Nikola | 2.22% | 2/96% |
| Santa Tereża | 2.85% | 5.24% |
| San Tumas More | 3.54% | 5.30% |

Seduta 207
19/02/2024

**KULLEĠĠI – RATA TA’ ASSENTEIŻMU - ĊITAZZJONIJIET**

**14332. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet lill-ġenituri minħabba l-assenteiżmu fis-snin 2022 u 2023?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**KULLEĠĠI – RATA TA’ ASSENTEIŻMU - TAĦRIKIET**

**14333. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm ġenituri li ġew imħarrka biex jitilgħu quddiem it-tribunal minħabba l-assenteiżmu fis-snin 2022 u 2023?

21/12/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14881. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b’sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14882. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b’sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14883. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont tagħrif mogħti ma hemm ebda Membru Parlamentari tal-Gvern li għandu impjieg mal-Ministeru jew f'entità taħt dan id-dekasteru.
Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14884. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura minn April 2013 sal-aħħar ta' Jannar 2024.
Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14885. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.
Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14886. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**PERSUNI LI APPLIKAW GĦAL AŻIL F'MALTA**

**15053. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-ażil f'Malta fis-sena 2022, u jaqsam din it-tabella bir-raġuni għall-ażil mitlub? Jista' wkoll jipprovdi rendikont ta' kemm-il applikazzjoni minn dawn ġiet approvata, miċħuda jew għadha pendenti?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fl-2022 l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali rċeviet total ta' 915 applikazzjoni ġdida. Minn dawn, 60 ingħataw protezzjoni, 226 ġew rifjutati, filwaqt li 138 għadhom pendenti. Il-491-il applikazzjoni l-oħra ingħalqu kif ġej:

| | |
|---|---|
| ADMINISTRATIVE CLOSURE | 3 |
| DUBLIN CLOSURE | 118 |
| EXPLICITLY WITHDRAWN | 78 |
| IMPLICITLY WITHDRAWN | 225 |
| INADMISSIBLE | 67 |

Ninsab ukoll infurmat illi l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ma żżommx statistika dwar ir-raġunijiet għalfejn xi ħadd japplika għall-ażil.

Seduta 207
19/02/2024

**PERSUNI LI APPLIKAW GĦAL AŻIL F'MALTA**

**15054. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-ażil f'Malta fis-sena 2021, u jaqsam din it-tabella bir-raġuni għall-ażil mitlub? Jista' wkoll jipprovdi rendikont ta' kemm-il applikazzjoni minn dawn ġiet approvata, miċħuda jew għadha pendenti?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fl-2021 l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali rċeviet total ta' 1,231 applikazzjoni ġdida. Minn dawn, 98 ingħataw protezzjoni, 268 ġew rifjutati, filwaqt li 105 għadhom pendenti. Il-760-il applikazzjoni l-oħra ingħalqu kif ġej:

| | |
|---|---|
| ADMINISTRATIVE CLOSURE | 2 |
| DUBLIN CLOSURE | 149 |
| EXPLICITLY WITHDRAWN | 35 |
| IMPLICITLY WITHDRAWN | 535 |
| INADMISSIBLE | 39 |

Ninsab ukoll infurmat illi l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ma żżommx statistika dwar ir-raġunijiet għalfejn xi ħadd japplika għall-ażil.

Seduta 207
19/02/2024

**PERSUNI LI APPLIKAW GĦAL AŻIL F'MALTA**

**15055. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-ażil f'Malta fis-sena 2020, u jaqsam din it-tabella bir-raġuni għall-ażil mitlub? Jista' wkoll jipprovdi rendikont ta' kemm-il applikazzjoni minn dawn ġiet approvata, miċħuda jew għadha pendenti?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għal risposta tal-mistoqsija parlamentari 14309.

Seduta 207
19/02/2024

**PULIZIJA - RAPPORTI TA' SCAM PERMEZZ TAL-INTERNET**

**15056. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' scam permezz tal-internet sar mal-Pulizija fl-2023, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fis-sena 2022 meta bdiet tinżamm data elettronikament fis-sistema tal-pulizija ġew irreġistrati elf u tmienja u tmenin rapport (1088) ta' każi ta' 'online fraud' filwaqt li fis-sena 2023 fis-sistema tal-pulizija ġew irreġistrati elfejn, ħames mija u sbatax ir-rapport (2517) ta' każi ta' 'online fraud'. Infurmat li ħafna mill-każi għadhom fi stadju ta' investigazzjoni anke minħabba illi dawn ir-reati joriġinaw il-maġġoranza assoluta minn pajjizi barra min xtutna, barra minn kumplessitajiet oħra, u l-informazzjoni dwar kemm minn dawn il każi ġew solvuti mhux disponibbli. L-akbar għodda kontra dan l-abbuż hi l-edukazzjoni u promozzjoni ta' għarfien biex individwi jevitaw kwalunkwe theddida potenzjali f'dan ir-rigward.

Seduta 207
19/02/2024

**PULIZIJA - RAPPORTI TA' SCAM PERMEZZ TAL-INTERNET**

**15057. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' scam permezz tal-internet sar mal-Pulizija fl-2022, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għal risposta tal-mistoqsija parlamentari 15056.

Seduta 207
19/02/2024

**PULIZIJA - RAPPORTI TA' SCAM PERMEZZ TAL-INTERNET**

**15058. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' scam permezz tal-internet sar mal-Pulizija fl-2021, u jipprovdi kemm-il każ issolva minn dawn?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi t-tagħrif hekk kif mitlub mill-Onor. Interpellant ma kienx jinżamm taħt forma kompjuterizzata qabel is-sena 2022. Għalhekk l-informazzjoni mitluba għas sena 2021, ma tistax tingħata.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15205. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab infurmata li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15206. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab infurmat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15207. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab informat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15208. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għażla taċ-childcare hija f'idejn il-ġenituri u t-tagħrif li qed jintalab huwa ta' tagħrif personali li ma jinżammx mis-settur pubbliku.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15209. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor Interpellant li L-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab informat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA L-ANZJANITÀ ATTIVA - ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILD CARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15210. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għażla taċ-child care hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab informat li t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Publiku.

Seduta 207
19/02/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL - ABBUŻI FIL-PAGI U OVERTIME TAL-ĦADDIEMA**

**15535. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk wara r-rapport tal-NAO dwar abbużi fil-pagi u overtime tal-ħaddiema fl-Isptar Mount Carmel, hux ser jieħu passi biex dak li ġie mħallas żejjed jittieħed lura?

24/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li f'kazijiet fejn ġie ddentifikat li ħaddiema tħalsu żejjed, sar pjan ta' kif il-flus li tħallsu żejda jiġu rifonduti lura mill-impjegati rispettivi.

Seduta 207
19/02/2024

**GĦAWDEX – PARKEĠĠ TA’ MARSALFORN – XOGĦLIJIET**

**15592. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li qabel l-istaġun tas-sajf il-parkeġġ ta’ Marsalforn jitkompla jinkesa bit-tarmac peress li parti kbira mill-istess parkeġġ għadu qatt ma ġie mogħti t-tarmac u kull sena l-kundizzjoni tiegħu qed tkompli tiddeterjora?

25/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Ministeru qiegħed jaħdem biex jiġu asfaltati diversi toroq f’Marsalforn anke wara laqgħa li saret mal-Kunsill Lokali taż-Żebbug fejn ġew miftiehma liema postijiet huma l-aktar urgenti li jsiru.

Seduta 207
19/02/2024

**MARSALFORN, GĦAWDEX - TRIQ SANTA MARIJA - XOGĦLIJIET**

**15593. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jgħid meta għandu l-ħsieb li jasfalta u jibni mill-ġdid il-parti ta' fuq ta' Triq Santa Marija, Marsalforn li tinsab fi stat ħażin ħafna? Jista’ jgħid jekk din hijiex ser issir matul is-sena 2024?

25/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15592.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - RESPONSABILTAJIET**

**15594. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jgħid liema direttorati u/jew taqsimiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar ser jgħaddu u jibdew jaqgħu taħt ir-responsabbilità diretta tad-Direttur Ġenerali (Strategy and Support Division) il-ġdid fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar fil-ġimgħat li ġejjin wara li nħoloq post ġdid ta' Direttur Ġenerali (Major Projects)?

25/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Direttur Ġenerali (Strateġija u Sapport) ser jibqa' responsabbli mid-Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku, mid-Direttorat għal Manutenzjoni, mid-Direttorat għall-Affarijiet Rurali f'Għawdex, mid-Direttorat għall-Wirt Kulturali u mill-Intervention Unit.

Seduta 207
19/02/2024

**MALTA U GĦAWDEX – DEVOLUZZJONI TA’ PROPRJETÀ**

**15595. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm artijiet jew proprjetà tal-Gvern devoluta lil kull Kunsill Lokali f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid ukoll liema huma dawn il-proprjetajiet devoluti u kemm kienet il-kirja mħallsa għal kull proprjetà fl-aħħar tas-sena 2023?

25/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**WIED IL-GĦAJN - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15628. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Wied il-Għajn u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

25/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Project Green hija responsabbli mill-Park tal-Familja f'Wied il-Għajn li fih hemm 83 siġra taż-żebbuġ. L-uffiċjali tal-Aġenzija jagħtu kura lil dawn is-siġar flimkien ma' siġar u arbuxelli oħrajn li jinsabu f'dan il-park, li tinkludi monitoraġġ regolari tas-siġar biex issir tisqija skont kif meħtieġ u tingħata attenzjoni partikolari lil dawk is-siġar taż-żebbuġ li għadhom mhux maturi. Fost miżuri oħrajn li jittieħdu biex jiġu mħarsa s-siġar hemm dik li ssir żabra annwali fil-perjodu adegwat.

Seduta 207
19/02/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-VITTMI TAX-XOGĦOL**

**15629. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din is-sena huwiex previst li Triq il-Vittmi tax-Xogħol, f'Raħal Ġdid senjatament l-aħħar parti tagħha, issir mill-ġdid, billi ma tinsabx fi stat tajjeb bl-użu kostanti tagħha?

25/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**MARSAXLOKK - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15630. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Marsaxlokk u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

25/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab Infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk illi l-Kunsill bħalissa għandu ġardinar full-timeli jieħu ħsieb iż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ.

Infurmat mill-istess Kunsill Lokali li bħalissa hemm 116-il siġra taż-żebbuġ fiż-żoni Pubbliċi f'Marsaxlokk.

Filwaqt li infurmat mill-Kunsill Lokali rispettiv illi l-aħħar żbir kien f'Settembru tal-2023, infurmat ukoll li ż-żbir li jmiss se jkun fi Frar 2024.

Seduta 207
19/02/2024

**MARSAXLOKK - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15631. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess. li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Marsaxlokk u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

25/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li, fil-lokalità msemmija, hemm siġra taż-żebbuġ imħawla f'sit li jaqa' taħt il-kuntratt tal-landscaping li tiġġestixxi Ambjent Malta. F'dan il-każ, id-Dipartiment jagħmel il-monitoraġġ meħtieġ sabiex jassigura li l-kuntrattur jaqdi l-obbligi tiegħu u jindokra lil din is-siġra kif titlob is-sengħa.

Seduta 207
19/02/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-VITTMI TAX-XOGĦOL**

**15632. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din is-sena huwiex previst li Triq il-Vittmi tax-Xogħol, f'Raħal Ġdid senjatament l-aħħar parti tagħha, issir mill-ġdid, billi ma tinsabx fi stat tajjeb bl-użu kostanti tagħha?

25/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja jew ser twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq li l-Kunsilli Lokali ressqu 'l quddiem biex isiru xogħlijiet fihom. Minkejja li t-triq imsemmija ma ġietx nominata biex isiru xogħlijiet fiha, nibqgħu kommessi li nkomplu nsaħħu l-infrastruttura tal-pajjiż, bil-komunitajiet jibqgħu fiċ-ċentru ta' ħidmietna.

Seduta 207
19/02/2024

**ŻEJTUN - SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15633. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kemm-il darba tingħatax kura u attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi fiż-Żejtun u jekk jistax jiġi indikat kemm hemm effettivament siġar taż-żebbuġ?

25/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li, fil-lokalità msemmija, hemm siġra taż-żebbuġ imħawla f'sit li jaqa' taħt il-kuntratt tal-landscaping li tiġġestixxi Ambjent Malta. F'dan il-każ, id-Dipartiment jagħmel il-monitoraġġ meħtieġ sabiex jassigura li l-kuntrattur jaqdi l-obbligi tiegħu u jindokra lil din is-siġra kif titlob is-sengħa.

Seduta 207
19/02/2024

**SLIEMA – TIGNE OFFICER'S MESS**

**15745. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-'Officers' Mess' ta' Fort Cambridge, Sliema li hi struttura ta' interess storiku, għadha ma ġietx skedata u protetta?

29/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant dan is-sit illum huwa kopert bil-permess PA 2906/16 li jispeċifika li l-qoxra ta' dan il-bini għandha tiġi protetta u restawrata.

Seduta 207
19/02/2024

**PERSUNI LI MA JIRĊEVUX PENSJONI SĦIĦA**

**15746. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pensjonanti li ma jirċevux il-pensjoni sħiħa minħabba li kellhom nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet soċjali (bolol)? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

29/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 207
19/02/2024

**BAĠIT 2024 - MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - KERA**

**15775. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl li fl-Estimi Finanzjarji 2024 taħt Line Item 24 – Rent, hemm indikat spiża ta' €853,000 li tħallset bħala kera fis-sena 2023 (ara pagna 261 tal-estimi), jista' l-Ministru jispjega x'inhuma dawn il-kirijiet u jagħti rendikont tal-proprjetajiet li qed jinkrew mill-Ministeru u l-korrispondenti kera li qed titħallas u lil min?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba hija kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| In use by | Owner | Total - 2023 |
|---|---|---|
| | | |
| Policy Development - MHSR | Afred Gera & Sons Ltd | €23,200.00 |
| | | |
| Registry - MHSR | Robert Cassar | €23,360.00 |
| | | |
| HR - MHSR | Perit Mizzi | €17,010.00 |
| | | |
| Finance - MHSR | CSB Ltd | €18,000 |
| | | |
| Stores- MHSR | Alex Falzon | €800 |
| | | |
| Garage- MHSR | John Lauria | €600 |
| | | |
| Garage- MHSR | Joseph and Mary Seychell | €700 |
| | | |
| Stores- MHSR | Select Properties Ltd | €7,500 |
| | | |
| Returns Unit- MHSR | Marlene Mizzi | €22,513.68 |
| | | |
| International Protection Agency | 66th St Paul's Ltd | €43,581.75 |
| | | |
| International Protection Agency | 66th St Paul's Ltd<br>E & E Company Ltd | €88,251.93 |
| | | |
| International Protection Agency | 66th St Paul's Ltd | €55,000.00 |
| | | |
| Perm Sec<br>Up till September '23 | Reginald Fava | €74,160 |
| | | |
| Directors- MHSR | Reginald Fava | €37,080 |
| | | |
| CIPD | Reginald Fava | €36,000 |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| IMU | Reginald Fava | €36,000 |
| | | |
| RAB | Lands Authority | €2,048.00 |
| | | |
| Ministry - MHSR | Lands Authority | €7,675.00 |
| | | |
| Police Board | Lands Authority | €465.87 |
| | | |
| ORGCES | S.S. Saver Co Ltd | €32,010.00 |
| | | |
| VSA | Investments Ltd | €150,555.00 |
| | | |
| VSA | Santa Lucija Local Coucil | €6,000.00 |
| | | |
| VSA | Qawra Church | €1,000.00 |
| | | |
| ARUC | Bajada Investments | €40,000.00 |

Seduta 207
19/02/2024

**BAĠIT 2024 - MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - INTERNATIONAL MEMBERSHIPS**

**15776. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl li fl-Estimi Finanzjarji 2024, taħt Line Item 25 – International Memberships, hemm indikat spiża ta' €298,000, jista' l-Ministru jispjega x'inhuma dawn l-International Memberships u jagħti rendikont ta' kemm qed jiġi mħallas għal kull International Membership?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi International Memberships jinkludu l-International Organzation for Migration, EU Satellite Centre, International centre for Migration Policy Development, The European Centre of Excellence for Countering Hybrid Threats (Hybrid CoE) u oħrajn marbuta mas-Sigurtà.

Seduta 207
19/02/2024

**BAĠIT 2024 - MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - PROFESSIONAL SERVICES**

**15777. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl li fl-Estimi Finanzjarji 2024, taħt Line Item 31 – Professional Services, hemm indikat spiża ta' €300,000, jista' l-Ministru jindika x'tikkonsisti din l-ispiża u lil min tħallset is-somma ta' €290,000 fis-sena 2023 għal dawn il-Professional Services?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-ispiża hija marbuta ma' servizzi simili għal dawk li ngħataw fis-sena 2023 fosthom servizzi legali, servizzi ta' interpretazzjoni minn lingwa għall-oħra, riċerka, servizzi ta' inġinerija, tal-informatika, disinni, servizzi ta' kontabilita', servizzi awdjoviżivi u servizz ta' arkitettura.

Seduta 207
19/02/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - XEMXIJA HERITAGE TRAIL – XOGĦLIJIET IPPJANATI**

**15794. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħlijiet huma ppjanati fix-Xemxija Heritage Trail, f'San Pawl il-Baħar, hekk kif dan is-sit tħalla fi stat ta' telqa matul l-aħħar xhur?

30/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li, fir-rigward tal-post msemmi mill-Onor. Interpellanta, spiss isir xogħol ta' tindif mill-ħaddiema tal-kunsill stess, apparti li ġew ordnati tabelli biex jinbidlu dawk li hemm preżentament.

Seduta 207
19/02/2024

**SKEJJEL PRIMARJI – STUDENTI LI BDEW JATTENDU**

**15795. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15254 dwar studenti fl-iskejjel primarji, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jagħti informazzjoni dwar kemm kien it-total ta' studenti li bdew jattendu l-iskejjel primarji ġewwa Malta u Għawdex fis-sena skolastika 2023-2024, maqsuma skola skola?

30/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| **Kulleġġ** | **Total ta' studenti** |
|---|---|
| Kulleġġ Għawdex | 1,847 |
| Maria Reġina | 3,624 |
| San Benedittu | 2,389 |
| Santa Klara | 2,063 |
| San Ġorġ Preca | 1,527 |
| San Injazju | 2,335 |
| Santa Margerita | 1,483 |
| San Nikola | 1,690 |
| Santa Tereża | 1,925 |
| San Tumas More | 3,087 |
| Migrant Learners' Unit | 28 |

Seduta 207
19/02/2024

**SKEJJEL PRIMARJI – ATTENDENZA TA' STUDENTI**

**15796. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15255 dwar studenti fl-iskejjel primarji, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jagħti informazzjoni dwar kemm preżentement hu t-total ta' studenti li qegħdin jattendu l-iskejjel primarji ġewwa Malta u Għawdex, maqsuma skola skola?

30/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| **Kulleġġ** | **Total ta' studenti** |
|---|---|
| Kulleġġ Għawdex | 1,855 |
| Maria Reġina | 3,581 |
| San Benedittu | 2,376 |
| Santa Klara | 2,108 |
| San Ġorġ Preca | 1,528 |

| | |
|---|---|
| San Injazju | 2,365 |
| Santa Margerita | 1,476 |
| San Nikola | 1,692 |
| Santa Tereża | 1,963 |
| San Tumas More | 3,077 |
| Migrant Learners' Unit | 99 |

Seduta 207
19/02/2024

**TA' SANNAT – SKOLA PRIMARJA - HYDROTHERAPY POOL**

**15797. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet hemm għal hydrotherapy pool ġewwa l-iskola primarja fis-Sannat? Jista' jgħid ukoll meta hu ppjanat li l-istudenti u/jew persuni oħra ser ikunu jistgħu jagħmlu użu minn din il-pool?

30/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4369.

Seduta 207
19/02/2024

**EDUKATURI BARRANIN - TAĦRIĠ**

**15798. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema skejjel jingħata taħriġ lill-edukaturi barranin li jaħdmu direttament ma' persuni b'diżabilità?

30/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**SKEJJEL - EVACUATION CHAIR GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**15799. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema skejjel hemm evacuation chair li jista' jintuża minn persuni b'diżabilità f'każ li jkun hemm nirien fis-sular ta' fuq tal-istess skejjel?

30/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS**

**15842. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

30/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS**

**15843. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15436.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - DIRECT ORDERS**

**15844. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

30/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 207
19/02/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ IL-BELT VALLETTA - TINDIF**

**15931. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li kien hemm numru ta' lmenti minn residenti Qriema, jista' l-Ministru jara li tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet konċernati sabiex titnaddaf Triq il-Belt Valletta (ħdejn iċ-Ċimiterju), f'Ħal Qormi (ritratti annessi), b'mod iktar frekwenti u jsir l-infurzar li hemm bżonn?

01/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-Pulzija ta' Ħal Qormi diġà jieħdu azzjoni riġward rapporti ta' kontravenjonijiet fi Triq il-Belt Valletta (ħdejn iċ-Ċimiterju), f'Ħal Qormi, kemm minħabba rimi illegali ta' skart kif ukoll ksur ta' liġijiet oħra. Dan isir permezz ta' ronda frekwenti fl-inħawi, liema rondi ser ikomplu biex abbużi kif indikati mill-Onor. Membru, jiġu mrażżna. Ġew infurmati wkoll l-Aġenzija LESA.

Seduta 207
19/02/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ IL-BELT VALLETTA - TINDIF**

**15932. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li kien hemm numru ta' lmenti minn residenti Qriema, jista' l-Ministru jara li tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet konċernati sabiex titnaddaf Triq il-Belt Valletta (ħdejn iċ-Ċimiterju), f'Ħal Qormi (ritratti annessi), b'mod iktar frekwenti u jsir l-infurzar li hemm bżonn?

01/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li l-iskart f'din it-triq jinġabar skont l-iskeda nazzjonali tal-ġbir.

Seduta 207
19/02/2024

**E-SCOOTERS REĠISTRATI**

**15947. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati e-scooters fis-sena 2023?

02/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lil Onor. Interpellant li fis-sena 2023 ġew reġistrati 2,077 (elfejn u sebgħa u sebgħin) e-kickscooter.

Seduta 207
19/02/2024

**E-SCOOTERS - OPERATURI**

**15948. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li l-investiment li sar fuq l-e-scooters mill-operaturi jiġi b'xi mod rikuperat?

02/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-użu tal-e-scooters privati se jkompli f'pajjiżna u għalhekk jibqa l-bżonn ta' faċilitajiet u investimenti ġodda. Il-bidla li tħabbret hija esklussivament biex tipprojbixxi l-e-scooters mikrija li kienu qed joħolqu inkonvenjent assolut għar-residenti fl-ibliet u l-irħula. Dik is-sistema ma ħadmitx u huwa fatt li r-responsabbilita ta' min huwa sid ta' e-scooter hija ferm differenti mir-responsabbilita ta' min jikrih għal ftit jiem li jqatta f'pajjiżna. Dan jirrikonoxxuh prattikament l-operaturi kollha f'dan il-qasam li bħalissa qiegħed f'kuntatt magħhom dwar il-futur tas-sistemi alternattivi ta' trasport li l-Gvern qed juri bil-fatti li huwa kommess li jkompli jintroduċi.

Seduta 207
19/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI - INSURANCE CLAIMS**

**15949. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta' claims ma' kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali fis-sena 2023?

02/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-total ta' claims relatati ma' inċidenti tal-karozzi, inkluż motor vehicle liabilities, li ġew irrapportati bħala Gross Claims Incurred, mill-kumpaniji tal-insurance li qiegħdin jiktbu riskji f'Malta fis-sena 2023, jammontaw għal Eur 64,852,888.

Seduta 207
19/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI - INSURANCE CLAIMS**

**15950. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kif jikkompara t-total ta' claims ma' kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali li saru fis-sena 2023 mas-sentejn ta' qabel?

02/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-total ta' claims relatati ma' inċidenti tal-karozzi, inkluż motor vehicle liabilities, li ġew irrapportati bħala Gross Claims Incurred, mill-kumpaniji tal-insurance li qiegħdin jiktbu riskji f'Malta f'dawn l-aħħar tlett snin, jammontaw hekk:

2021 – EUR 63,291,020
2022 – EUR 69,368,303
2023 – EUR 64,852,888

Seduta 207
19/02/2024

**INĊIDENTI STRADALI - PAID OUT CLAIMS**

**15951. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta' paid out claims minn kumpaniji tal-insurance li kellhom x'jaqsmu ma' inċidenti stradali fis-sena 2023?

02/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-2023, l-informazzjoni relatata ma' paid out claims mhix tiġi rraportata aktar mill-kumpaniji tal-insurance minħabba tibdiliet li seħħew f'accounting standards ġodda (IFRS 17), li ġew introddoti, u li kumpaniji rispettivi kellhom jimplimentaw.

Seduta 207
19/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZI – SEZZJONI TAL-VETTURI**

**15971. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' ħaddiema li jaħdmu ġewwa s-Sezzjoni tal-Vetturi tad-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi ta' dawn il-ħaddiema?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm disgħa u għoxrin persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Vetturi (Heavy Plant/Vehicles, Light Vehicles, Miscellaneous) tad-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:

- Senior Technical Officer
- Assistant Technical Officer
- Officer in Grade 11 in the Industrial & Supervisory Class
- Assistant Foreman
- Senior Tradesman
- Trademan
- Foreman
- Senior Operative

Seduta 207
19/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZI – SEZZJONI TAL-METALL – ĦADDIEMA**

**15972. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu ġewwa s-Sezzjoni tal-Metall fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi ta' dawn il-ħaddiema?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm tnax-il persuna jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Metall fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:
- Senior Technical Officer
- Senior Tradesman
- Tradesman

Seduta 207
19/02/2024

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZI – SEZZJONI TAL-ALUMINJU – ĦADDIEMA**

**15973. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fi ħdan is-Sezzjoni tal-Aluminju tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi rispettivi tagħhom?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm disa' persuni jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Aluminju fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:

Senior Technical Officer
Assistant Technical Officer
Senior Tradesman
Tradesman
Senior Operative
Labourer

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15989. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15990. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellanta li l-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15991. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hija responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmata li fil-perjodu msemmi minnha m'hemmx persuni li kellhom xi wieħed mill-irwoli li qed isemmi fil-mistoqsija tagħha.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15992. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista tad-Deputati li waqt li kienu membri parlamentari kienu jagħmlu parti minn board kif imsemmi fil-mistoqsija.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15993. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi d-Deputati tal-Gvern li waqt li servew ta' Deputati huma hekk kif gej:

| Name | Board Name | Role | Period | Remuneration |
|---|---|---|---|---|
| Ian Castaldi Paris | Residency Malta - Board of Directors | Member | Between May 2020 and September 2020 | €2,000 per annum |

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DEPUTATI TAL-GVERN**

**15994. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

05/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 207
19/02/2024

**IS-SWIEQI – ARTIJIET TAL-GVERN**

**16013. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm artijiet tal-Gvern fis-Swieqi?

05/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija paramentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**IS-SWIEQI – SPAZJI PUBBLIĊI**

**16014. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji pubbliċi fis-Swieqi?

05/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**PREZZIJIET TAL-IKEL - FTEHIM**

**16015. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim li għamel mal-importaturi u/jew distributuri tal-ikel bħala parti mill-inizjattiva Stabbiltà?

05/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija Parlamentari 15386.

Seduta 207
19/02/2024

**IL-FGURA U L-BELT VALLETTA - ROTTA ĠDIDA**

**16016. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk jikkunsidrax li tinħoloq rotta ġdida għall-Fgura li tkun titlaq mill-Belt Valletta sal-Mina ta' Hompesch u ddur lura lejn il-Belt Valletta?
Jista' dan is-servizz jibda tal-inqas jingħata matul il-ġimgħa bejn is-6.00 a.m. u 9.00 a.m. u bejn 4.00 p.m. u 7.00 p.m. peress li f'dawn il-ħinijiet ikun hemm ħafna nies sejrin u ġejjin b'mod partikolari lejn u mix-xogħol?

05/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Settembru 2023, wara stħarriġ fuq il-frekwenzi fl-użu ta' bus stops ġewwa l-Fgura, żdiedu il-frekwenzi tar-rotot 91 u 92 lejn il-Belt Valletta.

Madanakollu, inżid li qed tittieħed nota ta' dan is-suġġeriment u għaldaqstant, ser isir aktar stħarriġ fl-istess lokalità sabiex jiġi determinat jekk dawn iż-żidiet fil-frekwenzi kienux ekwi jew hemmx bżonn ta' aktar interventi.

Seduta 207
19/02/2024

**GU CLINIC – AMMONT TA' PAZJENTI**

**16017. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm marru pazjenti il-GU clinic sena b'sena għal kull sena bejn l-2013 u l-2024?

Jista' jgħid ukoll:
i. Kemm minn dawn ġew diagnosed pożittivi sena b'sena għal kull sena minn l-2013 sal-2024?
ii. Kemm minn dawn ġew pożittivi għall-HIV, Herpes, Chlamydia, Gonorrhoea, Syphilis, Trichomoniasis u HPV u jaqsam l-informazzjoni marda, b'marda?

05/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 15597 u 15598.

Seduta 207
19/02/2024
**GU CLINIC - PROĊEDURA**

**16018. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura biex wieħed juża l-GU clinic?

05/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-proċedura biex wieħed juża il-GU clinic hija kif ġej: Pazjenti jistgħu jew iċemplu jew jibgħatu imejl lill-GU clinic u l-appuntament jingħata skond kif deċiż mit-triage system u allura skont l-urġenza tal-każ.
Għall-każijiet urġenti teżisti sistema walk-in fejn il-pazjenti jiġu nvistati fl-istess ġurnata.

Seduta 207
19/02/2024

**PERSUNI LI MARDU BIL-LEUKEMIA U LYMPHOMA**

**16019. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10980, jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' tfal sa 16-il sena u kemm persuni minn 16-il sena 'l fuq, li mardu bil-leukemia u lymphoma f'dawn l-aħħar 15-il sena? Jista' jg]id ukollk emm minn dawn fiequ kompletament, kemm mietu u kemm għadhom qegħdin jieħdu l-kura?

05/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' tfal sa 16-il sena li mardu bil-leukemia bejn is-sena 2007 u s-sena 2021 kien ta' 52. Dawn il-każi ġew segwiti u sal-31 ta' Diċembru 2023, mietu 5 u 47 huma ħajjin.

Ninsab infurmat ukoll li n-numru ta' tfal sa 16-il sena morda bil-lymphoma bejn is-sena 2007 u s-sena 2021 kien ta' 22. Dawn ġew segwiti u sal-31 ta' Diċembru 2023 u kollha huma ħajjin.

Ninsab infurmat ukoll li n-numru ta'persuni minn 16-il sena 'l fuq, li mardu bil-leukemia bejn is-sena 2007 u s-sena 2021 kien ta' 608. Kull każ ġie segwit u sal-31 ta' Diċembru 2023 kienu mietu 405 u 203 huma ħajjin.

Ninsab infurmat ukoll li n-numru ta'persuni minn 16-il sena 'l fuq, li mardu bil-lymphoma hu ta' 1,600. Dawn ġew segwiti u sal- 31 ta' Diċembru 2023, mietu 691 u huma 909 ħajjin.

Finalment, ninsab infurmat li statistika mill-2021 'il quddiem għadha tiġi miġbura, ikkodifikata, verifikata u analiżżata.

Rigward in-numru ta' tfal sa 16-il sena li bħalissa qed jieħdu trattament ta' kemoterapija, hemm 13-il pazjent bil-leukemia u ebda pazjent bil-lymphoma.

Rigward in-numru ta'persuni minn 16-il sena 'l fuq li bħalissa qed jieħdu trattamenti ta' kemoterapija, hemm 119-il pazjent bil-leukemia u 125 pazjent bil-lymphoma.

Seduta 207
19/02/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL - POST PRIVAT FEJN JILTAQGĦU L-FAMILJARI MAL-PAZJENTI**

**16054. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx post privat fejn jiltaqgħu l-familjari ma' pazjenti fl-Isptar Mount Carmel?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16053.

Seduta 207
19/02/2024
**SPTAR MOUNT CARMEL - GYM**

**16055. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-gym tal-Isptar Mount Carmel qed ikun magħluq?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-isptar Mount Carmel huwa mgħammar b'iktar minn gym wieħed. L-użu u l-ftuħ tagħhom huwa spjegat fis-segwenti:

- Il-gym tar-rijabilitazzjoni fid-dipartiment tal-fiżjoterapija jintuża kontinwament.
- Il-gym 'sports and cultural club' li jinsab ukoll ġewwa l-isptar Mount Carmel huwa disponibbli għall-membri kollha, kemm l-istaff kif ukoll il-qraba bi sħubija valida. Huwa aċċessibbli mit-Tnejn sal-Ħadd inklużi l-vaganzi mis-6.30 am sad-9.30pm.
- Il-gym f'AW1 u AW2 huwa disponibbli għall-użu tal-klijenti skont it-talba u l-ħtieġa.
- Il-gym fl-AW3 huwa disponibbli fuq talba meta jkun hemm bżonn li jintuża mill-klijenti, altrimenti, jkun imsakkar u ċ-ċwievet ikunu disponibbli mingħand l-infermiera responsabbli.
- Il-gym li jinsab fiċ-Ċentru Soċjali jintuża bejn it-Tnejn u l-Ħadd fejn is-sessjonijiet ta' eżerċizzju jkunu skedati minn qabel.

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-pazjent kif ukoll tiġi evitata ħsara lit-tagħmir, il-gym huwa użati taħt superviżjoni.

Seduta 207
19/02/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL - PAZJENTI**

**16056. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pazjenti fl-Isptar Mount Carmel, kemm minnhom qed jieħdu kura għall-problemi psikjatriċi u kemm minnhom qed jieħdu kura minħabba addizzjonijiet jew abbużi minn droga/alcohol jew oħrajn? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma Maltin u kemm minnhom huma barranin?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li bħalissa ġewwa l-Isptar Mount Carmel hemm 257 pazjent (88 nisa u 169 irġiel). Minnhom hemm 187 pazjent li qiegħdin jieħdu kura għal problemi psikjatriċi u 70 pazjent li qiegħdin jieħdu kura minħabba addizzjonijiet jew abbużi minn droga/alkoħol.

Mit-total ta' pazjenti, 53 pazjenti huma ta' nazzjonalità barranija. 10 huma nisa u 43 huma rġiel.

Seduta 207
19/02/2024

**APPUNTAMENTI GĦAL OUTPATIENTS - SISTEMA TA' MESSAĠĠI BIT-TELEFON ĊELLULARI**

**16057. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex is-sistema ta' messaġġi bit-telefon ċellulari jinnotifika lill-pazjenti b'appuntamenti għal outpatients mhux qed taħdem, u meta ser tibda taħdem minħabba li ilha xhur wieqfa?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Is-sistema ta' notifika lill-pazjenti bl-appuntamenti tagħhom f'diversi outpatients fis-servizzi tas-saħħa qed taħdem. F'Diċembru u Jannar 21,093 SMS inħareġ mill-Kura Primarja, 20,238 inħareġ mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, 751 inħareġ mill-Isptar ta' Rijabilitazzjoni Karen Grech u 7,044 inħareġ mill-Orthotics & Prosthetics Unit, fl-Sptar San Luqa.

Fl-Isptar Mater Dei, is-servizz ta' notifika b'SMS twaqqaf temporanjament minħabba tibidliet fis-sistema sabiex is-servizz ta' notifika bl-SMS ikun jista' jiġi integrat mas-servizz ċentralizzat ta' notifika diġà offrut mill-Aġenzija Maltija għat-Teknoloġija tal-Informatika (MITA). In-notifika permezz ta' SMS lill-pazjenti bl-appuntamenti tagħhom fl-outpatients ta' Mater Dei reġa' beda jaħdem fid-9 ta' Frar 2024.

Seduta 207
19/02/2024
**PJAZZA SPINOLA U PACEVILLE AVENUE – PROĠETTI**

**16076. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Peress li fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15340 fir-rigward tal-proġett tar-refurbishment ta' Pjazza Spinola/Paceville Avenue, ġejt mitlub nistaqsi lill-Ministru kkonċernat, u peress li skont risposta mogħtija għal mistoqsija li kienet saret lill-Ministru għat-Turiżmu kien intqal li x-xogħlijiet infrastrutturali kienu se jinbdew, jista' issa l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fuq dan il-proġett?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta b'kollaborazzjoni ma TZRA, bdiet twettaq proġett ta' riġinerazzjoni fi Triq Paceville, San Giljan. Ix-xogħol beda ftit jiem ilu.

Seduta 207
19/02/2024

**SAN ĠILJAN/TAS-SLIEMA/IL-GŻIRA – PERIKLU GĦALL-ANZJANI LI JMORRU JIMXU FUQ IL-PROMENDADE MINĦABBA L-UŻU TAL-E-SCOOTERS**

**16077. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kif ser jagħti serħan il-moħħ lill-anzjani li jmorru jimxu fuq il-promenade f'San Ġiljan/Tas-Sliema/Il-Gżira li l-e-scooters privati li ser jibqgħu jkunu jistgħu jintużaw fuq il-promenade mhux se jkunu ta' periklu għalihom?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**SIGARETTI – PASSI BIEX JITNAQQAS L-ABBUŻ**

**16078. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jittieħdu biex jitnaqqas l-abbuż tas-sigaretti fost il-popolazzjoni, anke minuri, peress li s-sigaretti huma wieħed mill-fatturi prinċipali li jwasslu għal diversi mard u anke mwiet?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li qed tiġi żviluppata l-ewwel strateġija speċifika dwar il-Kontroll tat-Tabakk li se tkun tinkludi firxa wiesgħa ta' inizjattivi mmirati biex titnaqqas tal-prevalenza tat-tipjip u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika.
Din l-istrateġija ser tinkludi miżuri biex:
- titnaqqas l-affordabbiltà tal-prodotti tat-tabakk,
- titnaqqas id-disponibbiltà tal-prodotti tat-tabakk,
- jitnaqqas ir-reklamar tal-prodotti tat-tabakk,
- tiskoraġġixxi l-kummerċ illeċitu ta' prodotti tat-tabakk,
- jissaħħaħ l-għarfien dwar l-impatt fuq is-saħħa u l-kontroll tat-tabakk permezz kampanji diversi fuq media, li twassal għal kultura aktar b'saħħitha fil-pajjiż kontra tabakk,
- jiżdiedu s-servizzi biex jassistu lil kull min ipejjep biex jieqaf,
- jissaħħu l-isforzi ta' sorveljanza u riċerka.

Id-Direttorat għal-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard Ambjentali fis-Sovritendenza tas-Saħħa Pubblika joffri sessjonijiet one-to-one b'xejn għal individwi li jixtiequ jieqfu jpejjpu jew inaqqsu l-vizzju tagħhom. Isir pjan individwali speċjalizzat biex jgħin lin-nies jieqfu jpejjpu. L-individwi jistgħu jirreferu lilhom infushom billi jċemplu fuq il-Quitline 80073333.
Jiġu organizzati ukoll 'group sessions' għall-ħaddiema fuq il post tax-xogħol biex jieqfu mit-tipjip. Issir ħidma wkoll ma' skejjel primarji, medji, sekondarji u post-sekondarji dwar l-effetti tat-tipjip u l-vaping. Għajnuna oħra tiġi provduta permezz tal-website u l-pjattaformi tal-midja soċjali.
Barra minn hekk, jiġu mtellgħin kampanji nazzjonali kontra it-tipjip u dwar is-servizzi offruti flimkien ma' informazzjoni edukattiva. Il-kampanja tal-2024 ser tiffoka fuq il-vaping.

Seduta 207
19/02/2024
**OBEŻITÀ FOST IT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ**

**16079. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuwa l-pjan tal-Gvern fejn tidħol il-problema tal-obeżità fost it-tfal u ż-żgħażagħ?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li qed jiġi żviluppat Policy Framework for the Prevention of Non-Communicable Diseases and the Promotion of Wellbeing, qafas komuni ta' politika li jindirizza l-aspetti li jiffaċiltaw jew ixekklu l-implimentazzjoni effettiva ta' strateġiji u policies. Fl-istess waqt, permezz ta' dan il-qafas komuni ta' politika qed isir tfassil ta' tliet strateġiji separati li jindirizzaw it-tnaqqis tal-piż żejjed u l-obeżità, jiġifieri l-Healthy Eating and Nutrition Strategy, il-Health-Enhancing Physical Activity Strategy u l-Management of Overweight and Obesity Strategy.
Implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn l-inizjattivi tinħtieġ is-sehem tad-diversi oqsma tas-saħħa u ta' numru ta' dipartimenti u l-aġenziji pubbliċi, magħruf bħala Health-in-All Policies. Ma nistgħux nimmodifikaw il-ġenetika tagħna iżda nistgħu nibdlu d-drawwiet tagħna ta' ikel, xorb u eżerċizzju biex nevitaw l-obeżità u l-effetti ħżiena fuq is-saħħa.

Seduta 207
19/02/2024

**OBEŻITÀ FOST IT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ**

**16080. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jieħu l-Ministeru tiegħu biex titnaqqas il-problema tal-obeżità fit-tfal u ż-żgħażagħ? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-pjani u l-miri tal-Gvern f'dan ir-rigward?

06/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**BEJGĦ TA' PRODOTTI HHC**

**16081. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ser jittieħdu fil-konfront tal-bejgħ ta' prodotti HHC?

06/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**ĦAL TARXIEN - ĠNIEN IL-KUNSILL LOKALI – DAWL ADEGWAT**

**16112. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tara jekk hux possibbli li Ġnien il-Kunsill Lokali li jinsab f'kantuniera bejn Triq Temi Zammit, Triq Sammat u Triq Santa Monika, f'Ħal Tarxien, jinxtegħel kif xieraq u ma jitħalliex fid-dlam ċappa li jagħti lok għal abbuż?

06/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-ġnien indikat huwa responsabbiltà tal-Kunsill Lokali u li l-Enemalta ma rċeviet l-ebda rapport ta' qtugħ ta' dawl.

Seduta 207
19/02/2024
**ĦAL TARXIEN - ĠNIEN IL-KUNSILL LOKALI – DAWL ADEGWAT**

**16113. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara jekk hux possibbli li Ġnien il-Kunsill Lokali li jinsab f'kantuniera bejn Triq Temi Zammit, Triq Sammat u Triq Santa Monika, f'Ħal Tarxien, jinxtegħel kif xieraq u ma jitħalliex fid-dlam ċappa li jagħti lok għal abbuż?

06/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien illi skont it-toroq msemmija fl-interpellanza, referenza qed issir għal Ġnien Penza u mhux Ġnien il-Kunsill Lokali.

Infurmat mill-istess Kunsill Lokali li l-pjanti għar-rinovar ta' Ġnien Penza huma lesti u l-proġett huwa pjanat li jsir din is-sena.

Seduta 207
19/02/2024

**CASINO DI VENEZIA - ŻVILUPP**

**16120. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm żviluppi fuq il-Casino di Venezia u l-lukanda li kienet qed tinbena maġenbu, għaliex ilhom mitluqin għal aktar minn għaxar snin?

06/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**KOTTONERA - GRAND HARBOUR MARINA - UPKEEP TAL-BANKINI**

**16121. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli mill-upkeep tal-bankini madwar il-Grand Harbour Marina tal-Kottonera, għaliex hemm żoni li qed ikunu ta' periklu u inkonvenjent għal ħafna persuni li jżuru dawn in-naħat?

06/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**KOTTONERA - PROJECT GREEN - PROĠETTI**

**16122. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-proġetti li ser tkun qed tibda Project Green fil-Kottonera fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena?

06/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8846, inżid ninfurmah li nbdew ix-xogħlijiet marbuta mal-instalazzjoni ta' fencing madwar il-konfini ta' Ġnien Kottoner, li għandu jservi għal aktar sigurtà.

Fir-rigward tan-New Leaf Park li kien propost mill-Kulleġġ De La Salle u li se jkun qed ikopri 4,200 metru kwadru u jagħti prijorità l-element edukattiv, bħalissa qed issir il-verifika tas-sejħa għall-offerti marbuta max-

xogħlijiet meħtieġa ma' dan il-Park. Tressqet ukoll l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa.

Fil-każ tal-proġett li se jsir biex 3,000 metru kwadru ta' art żviluppabbli li tinsab ħdejn l-American University of Malta minflok tinbidel fi spazju miftuħ, ġiet sottomessa wkoll l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa, filwaqt li beda t-tfassil tas-sejħa għall-offerti marbuta max-xogħlijiet meħtieġa għal dan il-proġett. Minbarra li se jsaħħaħ il-bijodiversità urbana tal-inħawi bi tħawwil ta' siġar u arbuxelli, ir-riġenerazzjoni ta' dan l-ispazju se tinkludi bandli u logħob inklussiv għat-tfal, żona għall-meditazzjoni, picnic area, faċilitajiet għall-parkour, spazju għall-artiġġjanat u parkeġġ taħt l-art għal madwar 240 karozza.

Fil-Kottonera bħalissa għaddejjina ukoll b'ritmu tajjeb ix-xogħlijiet fuq żona ġdida ta' rikreazzjoni li tinsab fil-qalba tal-Birgu li mistennija tinfetaħ għall-pubbliku fix-xhur li ġejjin. Dan l-ispazju ta' 9,000 metru kwadru, li jinsab fiż-żona mgħarufa bħala 'Fuq il-Glacis', se jkun maqsum f'żoni ta' rikrezzjoni differenti, li jinkludu picnic area, playgorund u park għall-klieb.

Seduta 207
19/02/2024

**TOROQ LI SER JINGĦATAW WIĊĊ ĠDID – TIENI DISTRETT**

**16123. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq fit-Tieni Distrett Elettorali li ser jingħataw wiċċ ġdid matul din is-sena?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja jew ser twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq illi ġew proposti mill-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti mit-tieni distrett.

Seduta 207
19/02/2024

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - POSTIJIET ALLOKATI - TIENI DISTRETT ELETTORALI**

**16124. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati postijiet għall-Akkomodazzjoni Soċjali fit-Tieni Distrett Elettorali matul l-aħħar sentejn?

06/02/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2022 sas-7 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Allokazzjonijiet fi ħdan l-Awtorità tad-Djar alloka 110 proprjetà għall-Akkomodazzjoni Soċjali fit-Tieni Distrett Elettorali.

Seduta 207
19/02/2024

**PENSJONI MINIMA**

**16125. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet il-pensjoni minima fis-sena 2013, u kemm hi l-istess pensjoni illum fl-2024?

06/02/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rati fil-ġimgħa tal-Pensjoni Minima Nazzjonali u l-Bonus tal-Ogħli tal-Ħajja fis-snin 2013 u 2024 rispettivament huma skont t-tabella t'hawn taħt:

| Kategorija | Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet | Pensjoni 2013 | CLBO* 2013 | Pensjoni 2024 | CLBO* 2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| Miżżewweġ | 'l fuq minn 50 | €134.78 | €7.77 | €188.73 | €21.53 |
| | bejn 40 u 49 | €126.02 | €7.77 | €179.97 | €21.53 |
| | bejn 30 u 39 | €110.00 | €7.77 | €163.96 | €21.53 |
| | bejn 20 u 29 | €97.32 | €7.77 | €151.27 | €21.53 |
| Persuna Waħedha | 'l fuq minn 50 | €115.57 | €7.77 | €172.97 | €21.53 |
| | bejn 40 u 49 | €110.87 | €7.77 | €164.97 | €21.53 |
| | bejn 30 u 39 | €101.65 | €7.77 | €151.97 | €21.53 |
| | bejn 20 u 29 | €92.38 | €7.77 | €139.37 | €21.53 |

** CLBO = Cost of Living Bonus/Bonus tal-Għoli tal-Ħajja - rati ikkwotati ta' xi ħadd li kien bil-pensjoni fl-2008 jew qabel – min beda bil-pensjoni fl-2013 il-CLBO tiegħu żdied minn €1.36 għal €16.80 fil-ġimgħa.*

Dawn il-pensjonanti gawdew ukoll minn titjib fil-ħlas tal-Għajnuna Supplimentari. Minn rata massima ta' €237.61 fl-2013 għal persuna waħedha dan il-benefiċċju llum ilaħħaq €598 fis-sena. Għal koppja żdied minn €422.69 fl-2013 għal €1,099.28 fis-sena. Żdied ukoll il-ħlas supplimentari li jitħallas mal-benefiċċju li minn €100 żdied għal €150 għal kull persuna fis-sena.

Tajjeb jingħad ukoll li dawn il-kategoriji ta' pensjonanti issa qed igawdu wkoll mill-Benefiċċju Addizzjonali għall-Għoli tal-Ħajja li fl-2013 ma kienx jingħata. Għal persuna waħedha dan il-benefiċċju din is-sena jilħaq massimu ta' €378, filwaqt li għal koppja r-rata massima hija ta' €786 fis-sena.

Seduta 207
19/02/2024

**KUNTRATT GĦAL AMBULANZI ĠODDA**

**16151. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fuq xiex huwa bbażat il-kuntratt tal-ambulanzi l-ġodda? Kif ingħata dan il-kuntratt u liema kriterji ġew addottati?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li dan il-kuntratt intrebaħ wara proċess kompettiv u dawn l-ambulanzi ġew disinjati speċifikament għall-ħtiġijiet tas-servizz tas-Saħħa Malti.

Seduta 207
19/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA – DIRECT ORDERS**

**16152. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu minn Mejju 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onorevoli Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 207
19/02/2024

**KUNSILLI LOKALI – RENDIKONT FINANZJARJU**

**16153. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15554, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha peress li ngħatat parti biss mill-informazzjoni rikjesta u ċjoè jgħid kif kienet il-qagħda finanzjarja tal-Kunsilli Lokali hawn taħt imsemmija sa Diċembru 2023, u jagħti rendikont finanzjarju li jagħti stampa ċara ta' dan, li jinkludi surplus jew defiċit:
a. Kunsill Lokali Mġarr;
b. Kunsill Lokali Ħad-Dingli; u
c. Kunsill Lokali Rabat?

06/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali li l-Kunsilli Lokali tal-Imġarr, Ħad Dingli u r-Rabat ma provdewx l-informazzjoni mitluba għax l-istqarrijiet finanzjarji relattivi għadhom qed jiġu preparati.

Infurmat ukoll li dawn l-istqarrijiet finanzjarji huma mistennija li jaslu sad-data tal-għeluq tat-23 ta' Frar 2024 hekk kif mitlub permezz ta' Ċirkulari Nru. 17 tal-2023 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Seduta 207
19/02/2024

**KUNSILLI LOKALI – ATTENDENZA TA' SINDKI U KUNSILLIERA**

**16154. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15555, jista' l-Ministru issa jwieġeb il-kumplament tal-mistoqsija parlamentari u ċjoè jipprovdi lista ta' attendenza tas-Sindki u tal-Kunsilliera, laqgħa laqgħa minn Lulju 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:
a. Kunsill Lokali Ħad-Dingli; u
b. Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ?

06/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra

Seduta 207
19/02/2024

**BCRS – FLUS LILL-ĦWIENET**

**16155. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm jgħaddi żmien biex il-ħwienet jieħdu lura l-flus dovuti lilhom mill-iskema tar-rifużjoni tal-fliexken kif imħaddma mill-BCRS?

06/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t- termini ta' ħlas lill-operaturi huwa determinat mill-operatur BCRS Malta Ltd. Ninsab infurmata li l-ħwienet li għandhom Reverse Vending Machine (Magna tal-BCRS) u ħwienet oħra li jsarrfu vawċers tal-BCRS għandhom 90 jum (mit-tmiem ta' xahar) għal rifużjoni tal-vawċer tad-depożitu. Filwaqt li l-ħwienet li jużaw is-servizz tal-ġbir manwali offrut mill-operatur u l-ħwienet li jużaw il-card Business to Business f'magna (RVM) għandhom 30 jum (mit-tmiem ta' xahar ) għal rifużjoni tad-depożitu.

Seduta 207
19/02/2024

**MALTA U GĦAWDEX - PEDESTRIAN OVERPASS LIFTS - RAPPORTI**

**16182. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15807 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15417, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid għal kull wieħed mill-pedestrian overpass lifts li hawn f'Malta u f'Għawdex, kemm kien hemm rapporti li ma kienx qed jiffunzjona minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**KAŻ TAL-GĦOTI TAL-LIĊENZJI TAS-SEWQAN**

**16183. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15920, jista' l-Ministru jgħid x'bi beħsiebu jagħmel biex isir magħruf kemm hawn nies isuqu bil-liċenzja tas-sewqan fit-toroq tagħna li possibbilment ma jikkwalifikawx għaliha u allura qed ikunu ta' periklu fit-triq għalihom infushom u għal ħaddiehor? Jista' jgħid ukoll jekk hux qed jikkonferma li ma qed isir l-ebda tentattiv biex dawn jiġu identifikati?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15575.

Seduta 207
19/02/2024

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - BEJGĦ TA' PRODOTTI LI SARU MINN PRIĠUNIERI**

**16249. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba sar bejgħ mill-gabbana ta' quddiem il-ħabs ta' xogħol li jkun sar mill-priġunieri,bħalma jsir bil-qagħaq fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira? Jista' jgħid għal kull waħda minn dawn l-attivitajiet kemm inġabru flus, u fejn marru jew intużaw dawn il-flus? Jista' jgħid ukoll jekk inħarġux irċevuti għall-bejgħ minn din il-gabbana f'kull attività msemmija?

06/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li din l-inizjattiva ssir bħala parti mill-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-persuni li qed jiskontaw sentenza. Dawn il-persuni mhux sempliċiment qed jaħdmu fl-industrija tal-ħabs iżda fuq kollox qed jakkwistaw ħiliet li se jużaw malli jiskontaw is-sentenzi tagħhom.

Infurmat li fis-sena l-2023 kien hemm bejgħ ta' €105,249.03. Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-ispejjeż bħax-xiri tal-materjal u anke l-pagi tal-ħaddiema marbuta ma' din l-attività. Infurmat li mill-bilanċ li jifdal ingħataw donazzjonijiet lil numru ta' inizjattivi filantropiċi fosthom lill-Istrina u Puttinu Cares, u parti oħra ġew re-investiti fl-industrija tal-ħabs stess. Infurmat li l-Aġenzija ħallset il-VAT fuq dan il-bejgħ.

Seduta 207
19/02/2024

**IS-SETTUR PUBBLIKU U S-SETTUR ĊIVILI - FTEHIM KOLLETTIV**

**16253. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15866 u jippreżenta lista b'kull ftehim kollettiv pendenti fis-settur pubbliku u ċivili u meta dawn skadew? Jista' jgħid ukoll ma' liema union qed isiru jew se jsiru d-diskussjonijiet?

07/02/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill l-Onor. Interpellant li fil-perjodu 2022 u 2023 ġew iffirmati 45 ftehim kollettiv f'diversi setturi fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku. Qed inpoġġi din l-lista fuq l-Mejda tal-Kamra.

Ninsab infurmat li bħala regola ġenerali hija li ftehimiet settorali tas-Servizz Pubbliku m'għandhomx data ta' skadenza. Minkejja dan l-Amministrazzjoni għaddejja b'diskussjonijiet sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-impjegati fis-setturi indikati fil-lista li qed inpoġġi fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 207
19/02/2024

**DIER - ĦADDIEMA**

**16255. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15864, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jindika x'inhuma l-gradi u nomenklaturi tal-impjegati kollha li hemm fid-DIER?

07/02/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-gradi u nomenklaturi tal-impjegati kollha li hemm fid-DIER.

Seduta 207
19/02/2024

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI**

**16270. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466, 2817, 3157, 3718, 4254, 13856, 13956, 14142, 14231 u 14961, u jgħid l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

07/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**HOME OWNERSHIP SCHEME - KAŻIJIET MHUX SOLVUTI**

**16271. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14962, jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar kull wieħed mill-għaxar każijiet ta' artijiet li kienu nkisbu għall-Home Ownership Scheme li fadal pendenti u jgħid x'qiegħed iżomm lill-Awtorità tal-Artijiet milli tagħmel progress u ssolvihom?

07/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li rigward il-każijiet pendenti, qegħdin isiru l-proċessi kollha necessarji sabiex jiġu konklużi. Dawn jinkludu riċerki, verifiki ta' titoli, u tħejjija ta' valutazjonijiet ta' kull proprjetà skont Kapitlu 573 tal-liġijiet ta' Malta, bl-esklużjoni tal-każ tal-Mosta li dwaru, kien hemm proċeduri fil-Qorti.

Seduta 207
19/02/2024

**UFFIĊĊJU KONĠUNT - KOPJA TAL-KORREZZJONIJIET U ŻIDIET**

**16272. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-aħħar darba li tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-korrezzjonijiet u żidiet fil-listi ta' proprjetà tal-ftehim dwar it-trasferiment lill-Istat tal-proprjetà immobbli f'Malta mill-Knisja Kattolika kien fis-sena 2022 meta suppost Artiklu 4(2) tal-Att Dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, Kap. 358, jesiġi li din l-informazzjoni għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull tliet xhur?

07/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokumenti li għalihom qed issir referenza tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 207
19/02/2024

**MCAST - MECHANICS GĦAL VETTURI ELETTRIĊI**

**16273. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-MCAST introduċietx xi korsijiet immirati speċifikament lejn it-taħriġ tal-mechanics fil-qasam tal-manutenzjoni u t-tiswija tal-vetturi elettriċi? Jekk iva, jista' l-Ministru jipprovdi dettalji dwar in-natura ta' dawn il-korsijiet, inklużi l-objettivi u l-impatt li huwa antiċipat li jħallu fuq il-workforce sabiex din tlaħħaq mas-suq tal-vetturi elettriċi li qiegħed jikber f'Malta?

07/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**TOROQ - TENDERS**

**16274. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid mit-tenders li nħarġu u ġew awarded fis-sena 2017 biex toroq jinbnew mill-ġdid jew jiġi rranġat l-asfaltar u/jew is-servizzi tat-triq, f'kemm minn dawn inqabeż id-deadline stipulat sakemm tlestew u ġew iffinalizzati x-xogħlijiet, u f'kull każ jgħid b'kemm inqabeż?

07/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**AVVIŻ LEGALI - KUNTRATTI ANTIKI**

**16275. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar l-Avviż Legali li fil-Baġit li għadda l-Gvern semma li kellu jniedi, li permezz tiegħu jkun jista' jitħallas kumpens f'każijiet fejn ikun hemm xi ksur ta' kundizzjonijiet li ġejjin minn kuntratti antiki u minħabba dawn ma jkunx jista' jsir żvilupp ġdid jew trasferiment ta' proprjetà?

07/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjonijiet dwar dan l-Avviż Legali jinsabu fi stadju avvanzat.

Seduta 207
19/02/2024

**SKEJJEL LI JĦADDMU L-ISKEMA TAL-ĦAXIX U L-FROTT B'XEJN**

**16290. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk l-iskejjel f'Malta u Għawdex li qed iħaddmu l-iskema tal-ħaxix u l-frott b'xejn għall-istudenti?

07/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**SKEJJEL LI JOFFRU ĦALIB B'XEJN**

**16291. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk l-iskejjel f'Malta u Għawdex li fihom jingħata ħalib b'xejn lill-istudenti?

07/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**IL-MELLIEĦA – TRIQ IT-TABIB JOSEPH GRECH ATTARD – XOGĦLIJIET**

**16292. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta mistenni jibda u jiġi konkluż ix-xogħol ta' asfaltar fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard, fil-Mellieħa?

07/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'din it-triq għaddej koordinament ma' entitajiet terzi li għandhom xogħol pendenti fl-akkwati. Meta dan ix-xogħol ikun komplut Infrastructure Malta tkun tista' tiskatta proċeduri stabiliti biex isir wiċċ tat-triq.

Seduta 207
19/02/2024

**INFRASTRUCTURE MALTA – TOROQ LI SE JSIRU FL-2024**

**16293. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq f'Malta (arterjali u residenzjali) se jkunu qed isiru minn Infrastruttura Malta (lokalità lokalità) matul is-sena 2024? Jista' wkoll għal kull triq jgħid jekk hux se jsir "major patching" jew inkella bini mill-ġdid?

07/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja jew ser twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq li l-Kunsilli Lokali ressqu 'l quddiem biex isiru xogħlijiet fihom. Ix-xogħolijiet jikkonsisti f'bini tat-triq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Ix-xogħol jibda skont l-esiġenzi tat-toroq li l-Kunsilli Lokali pproponew.

Seduta 207
19/02/2024

**SKEMI, PROGRAMMI U FONDI EWROPEJ GĦALL-BDIEWI U S-SAJJIEDA**

**16294. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid liema huma u kemm jammontaw fi flus dawk l-iskemi, programmi u Fondi Ewropej li jistgħu japplikaw għalihom il-bdiewa u s-sajjieda Maltin matul is-sena 2024?

07/02/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista li tinkludi l-iskemi li jistgħu japplikaw għalihom il-bdiewa u s-sajjieda Maltin matul is-sena 2024 kif mitluba minnu.

Seduta 207
19/02/2024

**AWTORITÀ TAD-DJAR - RAPPORTI**

**16295. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ttieħdet dwar rapporti li saru lill-Awtorità tad-Djar mill-inkwilini tal-appartament li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament, li qed jikru dan l-appartament mingħand l-Awtorità tad-Djar, li tikrieh mingħand il-privat, u li hemm dubji kbar dwar is-sigurtà tiegħu wara li dehru xi konsenturi fil-ħitan?

07/02/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l Awtorità tad-Djar irċeviet rapport wieħed fuq dan l-appartament. Saret l-ispezzjoni minn barra, però dan ma setax isir minn ġewwa minħabba li l-inkwilin ma kienx disponibbli. Minn dakinhar ma sar l-ebda rapport ieħor fuq il-post imsemmi.

Seduta 207
19/02/2024

**SKEMA TA' STABBILTÀ - FTEHIM**

**16313. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, il-ftehim li ġie iffirmat għall-iskema ta' Stabbiltà?

08/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija Parlamentari 15386.

Seduta 207
19/02/2024

**FONDI PUBBLIĊI GĦALL-ISKEMA TA' STABBILTÀ – BREAK DOWN**

**16314. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti break down tal-fondi pubbliċi li ntużaw:

i) għall-avveniment għall-iffirmar tal-iskema ta' Stabbiltà?
ii) il-marketing, inklużi r-reklami kollha fuq kull forma ta' midja?
iii) l-istampar tal-oġġetti kollha relatati mal-iskema ta' Stabbiltà?
iv) l-ispiża totali ta' din l-iskema (Stabbiltà) mill-Gvern?

08/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-iskema Stabbiltà hija ħolqa minn kullana ta' inizjattivi li ħa l-gvern bil-għan li jgħin in-nies quddiem l-isfida tal-inflazzjoni.
Pajjiżna huwa fuq quddiem nett jgħin lin-nies fejn żamm ukoll il-prezzijiet tal-enerġija stabbli b'kuntrast ma' dak li sar f'pajjiżi oħra.
Issa b'dan il-ftehim iktar minn 400 prodott tal-ikel fi 15-il-kategorija għandhom prezz orħos u stabbli sal-baġit li jmiss biex il-pajjiż jagħti s-serħan il-moħħ.
Huwa obbligu tal-gvern li joħloq pjattaformi fejn wieħed jikseb l-informazzjoni jew ikun jista' jissieħeb f'dan il-ftehim, kif ukoll li jgħarraf il-pubbliku b'dak miftieħem biex ikun jista' jagħmel l-għażliet tiegħu. Fil-fatt, meta niltaqa' man-nies jinsistu miegħi li tali informazzjoni tingħata b'iktar intensità.
Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra dak mitlub.

Seduta 207
19/02/2024

**ENEMALTA – AKKWIST TA' ŻEWĠ TURBINI 60MW**

**16325. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'metodu ta' procurement se jintuża mill-Enemalta li beħsiebha takkwista żewg turbini addizzjonali ta' 60MW?

12/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sejħa li ħarġet l-Enemalta, mhix għal teknoloġija speċifika imma hija għall-kiri ta' impjant għal ġenerazzjoni t'emerġenza b'kapaċità ta' 60MW, liema sejħa pubblika ħarġet għall-offerti fil-25 ta' Jannar 2024.

Seduta 207
19/02/2024

**AIRMALTA – KUNTRATTI TAL-BDOTI**

**16332. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-bdoti attwali tal-Airmalta ffirmawx kuntratti ġodda ta' xogħol biex jaħdmu mal-linja tal-ajru l-ġdida?

12/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-proċess tar-reklutaġġ għadu għaddej.

Seduta 207
19/02/2024

**AIRMALTA – KUNTRATTI TAL-BDOTI**

**16333. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-bdoti kollha preżenti tal-Airmalta ngħatawx kuntratt? X'inhuma l-kriterji li fuqhom tfasslu dawn il-kuntratti? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jekk hemm somom li ser jingħataw wara perjodu definit, kemm huma dawn is-somom?

12/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-proċess tar-reklutaġġ għadu għaddej.

Seduta 207
19/02/2024

**L-IMĠARR - TRIQ SIR TEMI ZAMMIT - PETIZZJONI MP-4 - DISKUSSJONI GĦAL SISTEMA TA' TRAFFIC MANAGEMENT**

**16336. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kienx hemm xi risposti jew aġġornamenti għall-Petizzjoni MP-4 – Onor. Ian Vassallo – Diskussjoni għal sistema ta' Traffic Management aħjar fi Triq Sir Temi Żammit, l-Imġarr?

12/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - SERVIZZ TA' PODJATRIJA**

**16337. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ser jitneħħa s-servizz ta' podjatrija mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex? Jista' jgħid x'ser jiġri mis-servizzi mogħtija u l-istaff konċernat?

12/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-podjatri li kienu jaħdmu fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ġew trasferiti għall-Primary HealthCare bil-għan li tiġi mmassimizzata l-effiċjenza u l-effettività ta' dan is-servizz għall-benefiċċju tal-pazjenti. Għaldaqstant, filwaqt li s-servizz tal-podjatrija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mhux ser jieqaf, dan ser jibqa' jingħata skont il-ħtieġa.

Ninsab infurmat li:

- Ftit tal-ġimgħat ilu beda jingħata miċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ta' Victoria.
- Ser jiżdied għal jumejn fil-ġimgħa fil-Klinika tal-Komunita' tal-Għarb.
- Ser jibda jingħata b'mod regolari minn Dar Padova.
- Ser jibda jingħata mill-Klinika tal-Komunità tal-Qala fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 207
19/02/2024

**POSTIJIET TAL-GVERN – TENDERS**

**16360. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser joħorġu aktar tenders biex jinbiegħu postijiet tal-Gvern li kienu tal-housing, peress li ilhom xhur ma joħorġu tenders? Jista' jgħid ukoll x'inhi r-raġuni għalfejn damu ma ħarġu dawn it-tenders?

12/02/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jispeċifika għal liema postijiet qed jirreferi.

Seduta 207
19/02/2024

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - IMPJEGATI**

**16369. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm tibdil fil-management ta' San Vinċenz de Paul mill-1 ta' Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jekk iva, jista jgħid x'kien dan it-tibdil u min huma l-persuni l-ġodda li qed jokkupaw dawn l-irwoli u jekk inħarġux sejħa għall-applikazzjonijiet għal dawn l-irwoli?

13/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ma kienx hemm tibdil fil-management ta' San Vinċenz de Paul.

Seduta 207
19/02/2024

**DAR L-ANNUNZJATA –CARERS LI JAKKUMPANJAW ANZJANI META JKOLLHOM IMORRU L-ISPTAR**

**16370. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex f'Dar l-Annunzjata mhux qed jintbagħat carer mal-anzjani li jkollhom appuntamenti l-isptar jew ikunu jeħtieġu jmorru l-Isptar Mater Dei b'emerġenza? Jista' jgħid ukoll x'jiġri meta l-qraba ma jkunux jistgħu jattendu għal kull appuntament jew emerġenza li jkollhom l-anzjani u wkoll meta l-anzjani ma jkollhom ebda qraba?

13/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI - BORD TAL-GVERNATURI**

**16371. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani ġiex imwaqqaf? Jekk iva, jista' jgħid min huma l-membri ta' dan il-Bord? Jista' jgħid ukoll min qed jokkupa l-irwol ta' Segretarju tal-Bord?

13/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil-Onor. Interpellant, li ninsab infurmat, li il- Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani ġie mwaqqaf nhar it-18 ta Jannar 2024.
Il-Membri huma:

| | |
|---|---|
| Chairperson: | Dr. Joseph Dimech |
| Viċi Chairperson: | Sur Joseph Calleja |
| Membru: | Sa Philomena Meli |
| Membru: | Sa Svetlana Sammut |
| Membru: | Dr. Nadine Stivala |
| Membru: | Sur Paul Vella |
| Membru: | Dr. Alexander Attard (Kummissarju ghall-Anzjani) Ex-Uffiċju |
| Segretarju: | Sur David Scicluna |

Seduta 207
19/02/2024

**AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI – UFFIĊJAL EŻEKUTTIV EWLIENI**

**16372. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani appuntax l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-istess Awtorità? Jekk iva, jista' l-Ministru jagħti dettalji ta' dan l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni; jekk kienx hemm sejħa għal applikazzjonijiet għal dan l-irwol, u kemm applikaw għal din l-istess kariga? Jekk le, jista' jgħid meta ser ikun qed jiġi appuntat u meta ser tkun qed tinħareġ sejħa għall-applikazzjonijiet għal din il-kariga?

13/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil-Onor. Interpellant, li ninsab infurmat, li il-Bord tal-Governaturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani fl-24 ta' Jannar 2024 ħatret lis-Sur George Fenech bħala l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, li kien jokkupa l'istess pożizzjoni qabel ma' l-Awtorità nfirdet minn mal-Awtorità tal-Standards tal-Ħarsien Soċjali.

Seduta 207
19/02/2024

**IL-BELT VALLETTA – TRIQ ŻAKKARIJA – TINDIF TA' SPRALLI**

**16373. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li l-ispralli fi Triq Żakkarija, il-Belt Valletta jitnaddfu u dan peress illi ħierġa riħa qawwija minnhom ikkawżata mill-ilma li jinġema' matul iż-żmien?

13/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lil-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**IN-NADUR GĦAWDEX – PRESSA TAL-ILMA**

**16374. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jieħu passi sabiex il-pressa tal-ilma tax-xorb fin-Nadur, Għawdex, tiżdied?

13/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 207
19/02/2024

**IN-NADUR GĦAWDEX – PRESSA TAL-ILMA**

**16375. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tieħu passi sabiex il-pressa tal-ilma tax-xorb fin-Nadur, Għawdex, tiżdied?

13/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li s-sistema tal-ilma preżenti fin-Nadur hija fornuta minn networks diversi fejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dejjem qisitha bħala sistema bi pressa tajba. Jekk l-Onor. Interpellant huwa infurmat b'ismijiet ta' toroq bi pressa baxxa jista' jgħaddili din l-informazzjoni.

Però tajjeb infakkar li persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jistgħu jċemplu fuq 8007 6400 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku**www.wsc.com.mt**

Seduta 207
19/02/2024

**ENEMALTA - TURBINI ADDIZZJONALI**

**16376. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk iż-żewġ turbini addizzjonali li ser jinkrew biex jassistu fiż-żieda fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, humiex ser jitħaddmu bid-diesel jew bl-LNG?

14/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li s-sejħa li ħarġet l-Enemalta, mhix għal teknoloġija speċifika imma hija għall-kiri ta' impjant għal ġenerazzjoni t'emerġenza b'kapaċita ta' 60MW. Kif ġie spjegat kemm-il darba, l-Enemalta għandha biżżejjed sorsi ta' ġenerazzjoni biex tlaħħaq mad-domanda tal-elettriku kemm kurrenti u kemm prevista.

Għaldaqstant, dan l-impjant mhux se jinkera biex jassisti fiż-żieda tad-domanda. Se jkun qed jinkera sabiex ikun standby f'każi ta' emerġenza skont il-ħtieġa. Dan biex kontinwament nassiguraw is-sigurta tal-provvista għall-konsumaturi.

L-impjant propost li se jkun qed jitħaddem bid-diesel, kif spjegat fis-sejħa għall-offerti u jekk dan jintuża, ikun għal numru ristrett ta' sigħat.

Seduta 207
19/02/2024

**BAĠIT 2023 - 'TAX CREDIT GĦAL TERAPIJI'**

**16389. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15911 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u ċjoè: B'referenza għall-paġna 30 tad-Diskors tal-Baġit għall-2023, taħt is-sottotitlu 'Tax Credit għal Terapiji', jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur ibbenifika minn tax credit refund ta' €200 minn Jannar 2023 sa Diċembru 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kienet tammonta l-ispiża totali biex dawn it-tax credits ingħataw lura lill-ġenituri ta' tfal b'diżabilità? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-formola/l-applikazzjoni li kienet qed timtela mill-ġenituri biex kienu eleġibbli għal dan it-tax credit u jindika wkoll minn liema sit setgħet titniżżel?

14/02/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kwalunkwe tax credit refund jiskatta ġaladarba din tiġi kkomputata flimkien mal-Formola tat-taxxa fuq Income u Self Assessment. Li ġara sa issa hu li l-Kummissjoni għad-Drittijet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) irċeviet l-applikazzjonijiet ta' ġenituri li ħassew li l-iskema tapplika lilhom u dawn ġew mgħarbula għal fini ta' konformità mal-linji gwida tal-iskema. Dawn l-applikazzjoni ġew mgħoddija lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi. Sa issa, hemm 200 applikazzjoni li ġew milqugħa, dan ifisser li l-kreditu jammonta għal €40,000.
Is-CRPD irreklamat ukoll din l-iskema ta' kreditu ta' taxxa fuq il-mezzi soċjali kollha (Facebook, Instagram, Twitter, LinkedIn, TikTok) fit-13 ta' Novembru, 2023. Intbagħtet mailshot lil kull membru tas-CRPD fl-14 ta' Novembru.
Ninfurmah ukoll li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-formola/l-applikazzjoni li kienet qed timtela mill-ġenituri biex kienu eliġibbli għal dan it-tax credit, li setgħet titniżżel mis-sit https://www.crpd.org.mt.

Seduta 207
19/02/2024

**BAĠIT 2024 –'ŻIEDA FIT-TAX CREDIT GĦAL TERAPIJI TA' TFAL B'DIŻABILITA'**

**16390. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15912 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u ċjoè: B'referenza għall-paġna 31 tad-Diskors tal-Budget għall-2024, taħt is-sottotitlu 'Żieda fit-Tax Credit għal Terapiji ta' tfal b'diżabilita', jista' l-Ministru jgħid, kemm huwa l-fond allokat għal dan, għal din is-sena kalendarja, jiġifieri l-2024, u kemm jistma li ser jidħlu applikazzjonijiet għal tax credit refund, ibbażat fuq is-sena preċedenti?

14/02/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2024 il-kreditu ta' taxxa se jiżdied minn €200 għal €500 għal kull wild b'diżabilità.
Fil-bidu tas-sena 2025 inkunu nafu kemm applikaw għal din l-iskema. Dan għaliex kif jaf l-Onor. Interpellant l-iskema tiftaħ aktar tard din is-sena biex wieħed jippreżenta rċevuti ta' servizzi li jkunu ngħataw tul is-sena kurrenti li ttemm f'Diċembru 2024.

Seduta 207
19/02/2024

**BIRŻEBBUĠA - TIBDIL FIR-ROTOT - KONSULTAZZJONI**

**16410. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14787, jista' l-Ministru jgħid meta u ma min saret il-konsultazzjoni dwar tibdil fir-rotot tat-trasport pubbliku, f'Birżebbuġa?

14/02/2024
**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li għadhom għaddejjin il-konsultazzjonijiet ma' Malta Public Transport.

Seduta 207
19/02/2024

**BIRŻEBBUĠA - TRIQ TAL-ĠEBEL - PROĠETT**

**16411. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitkompla u jitlesta l-proġett ta' Triq Tal-Ġebel, f'Birżebbuġa sabiex jiġi ffaċilitat li l-vetturi jkunu jistgħu jduru għal Triq ir-Raddiena?

14/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn spezzjonijiet li saru din l-aħħar ġimgħa ma jirriżulta li hemm l-ebda xogħol eżistenti għaddej li jrid jitkompla jew li qiegħed jimpedixxi l-aċċess minn Triq il-Gebel ghal Triq ir-Raddiena. L-aċċess għal Triq ir-Raddiena minn Triq tal-Ġebel huwa miftuħ miż-żewġ trufijiet ta' triq ir-Raddiena.

Seduta 207
19/02/2024

**BIRŻEBBUĠA - BIĊĊA ART QRIB L-ISKOLA PRIMARJA**

**16412. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għall-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,966 datata 28 ta' Novembru 2022, paġni 16,050 u 16,052, jista' l-Ministru jgħid jekk il-biċċa art qrib l-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa bejn Trejqet l-Iskola u Triq il-Bandli, ġietx akkwistata mill-Gvern? Jista' jgħid ukoll kemm tħallas biex ġiet akkwistata u għal liema raġunijiet ġiet akkwistata?

14/02/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 207

19/02/2024

**L-ISPTAR MATER DEI –DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA**

**16413. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15113 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi xift b'xift (jew partijiet minnhom) minn 00:00AM tal-15 ta' Jannar, 2024 sa 00:00AM tas-16 ta' Jannar, 2024, ta' kemm persuni ngħataw servizz fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, u kemm kien l-istaff f'kull grade u trade li kien assenjat fl-istess dipartiment fil-ħin imsemmi?

14/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 207
19/02/2024

**BIRŻEBBUĠA - IMPJANT TAL-31 TA' MARZU - PROĊESS TA' DEKUMMISJONAR**

**16414. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tikkonferma li beda l-proċess ta' dekummisjonar (decommissioning) tal-impjant tal-31 ta' Marzu, f'Birżebbuġa? F'każ illi dan il-proċess għadu ma bediex, tista' tindika meta ser jibda? Fi kwalunkwe każ, tista' tippreżenta l-project time-line dwar liema proċessi ser isiru u meta fid-dekummisjoni ta' dan l-impjant?

14/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejjin diskussjonijiet bejn l-Enemalta u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) rigward il-method statement għad-dekummissjonar tal-impjant 31 ta' Marzu, f'Birżebbuġa. Ladarba dawn id-diskussjonijiet jiġu konklużi tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex isir dan id-dekummissjonar.

Seduta 207
19/02/2024

**SUPPLEMENTARY PLANNING POLICY GUIDANCE - MAJOR ACCIDENT HAZARDS AND DANGEROUS SUBSTANCES**

**16415. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta hemm il-ħsieb li jiġi rivedut is-Supplementary Planning Policy Guidance - Major Accident Hazards and Dangerous Substances?

14/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-Supplementary Planning Policy Guidance - Major Accident Hazards and Dangerous Substances kien ġie approvat fis-7 ta' Settembru 2020. Id-dokument intenzjonat sabiex jipprovdi gwida għall-implementazzjoni tal-oġġettivi rigward l-użu ta' l-art tad-direttiva tal-Unjoni Ewropeja SEVESO III fuq il-kontroll ta' installazzjonijet li jinvolvu sustanzi perikolużi. Peress li ma hemmx l-ebda reviżjoni tad-Direttiva, f'dan l-istadju ma jinħasx li hemm il-bżonn li jiġi rivedut dan is-Supplementary Planning Policy Guidance.

Seduta 207
19/02/2024

**PREZZIJIET TAL-IKEL - FTEHIM**

**16416. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16296 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15386, jista' l-Ministru jgħid meta se jkun sottomess (data) il-ftehim li ntlaħaq mal-importaturi u s-sidien tas-supermarkets għall-inizjattivà ta' stabbiltà fil-prezzijiet tal-ikel? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dan il-ftehim?

14/02/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija Parlamentari 15386.

Seduta 207
19/02/2024

**SELMUN PALACE HOTEL – ESPRESSJONI TA' INTERESS**

**16429. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15304, 15560, 15806 u 16047 u jgħid meta se toħroġ l-espressjoni ta' interess jew tender għar-riġenerazzjoni ta' Selmun Palace Hotel?

15/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'Seduta oħra.

Seduta 207
19/02/2024

**GĦAWDEX - ĊENTRU TAS-SAĦĦA - CHIEF NURSING MANAGER**

**16430. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm sejħiet għal applikazzjoni għal Chief Nursing Manager li preżentement hemm ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa f'Għawdex? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja fuq il-Mejda tal-Kamra?

15/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-appuntament ta' Chief Nursing Manager fiċ-Ċentri tas-Saħħa f'Għawdex kien bi proċess ta' Deployment skont l-esiġenzi tas-Servizz.

Seduta 207
19/02/2024

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

### APPLIKAZZJONIJIET GĦAL-SERVIZZ TA’ ASSISTEBT ĦERSONALI

**W57. L-ONOR GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna applikat għas-servizz ta' assistent personali u kienet għadha qiegħda tistenna risposta jekk hux se tingħata sussidju mill-Gvern għas-servizz ta' assistent personali sal-aħħar tas-sena 2023? Tista' tgħid ukoll taħt liema skema (Direct Payment, Independent Community Living, Assistent Personali jew skema oħra) saret l-applikazzjoni?

07/02/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fl-aħħar tas-sena 2023 kien hemm 117-il applikant għal sussidju għal servizz ta’ assistent personali u li kienu qed jistennew sabiex jiġu assessjati minn professjonisti tal-Aġenzija. Għaldaqstant f’dak l-istadju ma jkunx għadu ġie determinat għal-liema skema ser jiġu referuti. Dan jiġi determinat mill-assessjar, u li warajh, il-każ jgħaddi quddiem il-Bord.

Ninfurmaha wkoll li matul il-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2023 kien hemm 400 persuna li bbenefikaw mis-servizz ta’ assistent personali.

Seduta Numru 207
19/02/2024